# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn erbgha (4) ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru 296/15 FDP**

**Victor Bugeja**
**(ID 418361M)**

**vs**

**ProInvest Limited**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 6 ta' Ottubru 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lill-attur is-somma ta' sebat elef seba mija u sebgha u disghin Euro u erbghin centezmu (€7,797.40) rappresentanti somma bilancjali ghal servizz rezi lilha, mitluba u ordnati minnha u dana ai termini ta' kuntratt datat 11 ta' April 2013.

Rat il-ftehim ta' xoghol datat 11 ta' April 2013 insemmjah "*Xoghol ta' Manufattura ta' amara u bibien interni **Dar f'San Pawl Tat-Targa***" u esebit mir-rikorrenti

Rat l-eccezzjonijiet mressqa mis-socjeta intimata fl-20 ta' Ottubru 2015 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

> *1. Illi it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl ispejjez kontra l-attur ghaliex:*
>
> *(a) Bejn il-partijiet kien hemm diversi kuntratti u kienu isiru pagamenti akkont tad-diversi kuntratti. Illi l-ammont mitlub ta' Euro 7,797.40 huwa kontestat u mhux dovut anzi jirrisulta li l-attur huwa debitur societa konvenuta*
>
> *(b) Ghar-rigward it-talba ta' Euro 7,797.40 is-societa konvenuta tikkontesta dan l-ammont billi l-bilanc li kellu jiehu l-attur in konnessjoni ma' diversi kuntratti jammonta ghal Euro 7,129 kif jirrizulta minn dan l-istatement*

Rat illi s-socjeta intimata, fl-eccezzjonijiet, ressqet kontro talba konta r-rikorrent, fejn qalet is-segwenti:

> *Illi is-societa konvenuta hija kreditrici tal-attur minhabba l agir tal attur ghaliex:*
>
> *(a) L-attur huwa debitur tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' Euro 1,268.50 rapprezentanti xoghol maghmul minn Proinvest Ltd. fuq talba tal-attur (Dok A).*
>
> *(b) L-attur huwa debitur tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' Euro 5,611.37 rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta konvenuta f xoghol addizjonali li zewg mastrudaxxi kellhom u wara li l-attur naqas milli jaghmel xoghol komplut jaghmel kif kien gie miftiehem ghall-progett ta' ristorant fl-Algerija (Dok B).*
>
> *(c) L-attur huwa debitur tas-socjeta konvenuta li kellha thallas ukoll total ta' Euro 1,470.00, rapprezentanti ikel u akkomodazzjoni ghal zewg mastrudaxxi ghal sebghat ijiem fl-Algerija biex ix-xoghol imsemmi f'Dok B jitranga.*
>
> *Ghalhekk is-sorcjeta konvenuta hija kreditrici tal-attur fl-ammont ta' Eur 8, 349.87 rapprezentanti l-ammonti dovuti lis-socjeta konvenuta kif fuq spiegat.*
>
> *Ghalhekk se tigi pprezentata kontro-talba ghal Euro 1,220.30.*

Rat illi fis 16 ta' Novembru 2015 ir-rikorrent ippresenta l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro talba fejn laqa ghal dak mitlub billi qal is-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok u in via preliminari, ma jissusistux l-elementi fil-ligi sabiex tigi ammessa t-talba rikonvenzjonali tas-socjeta' intimata;*

2. *Illi fil-mertu u dwar l-ammont ta' €1,268.50 pretiz, dan huwa ammont li l-intimat immanifattura meta saret it-talba min-naha ta'l-esponenti ghall-ammonti dovuti;*

3. *Illi wkoll fil-mertu, l-esponenti m'hu responsabbli ghal ebda danni favur s-societa' intimata u wisq angas ghall-hlas ta' ikel u akkomodazzjoni kif pretiz;*

4. *Illi t-talbiet u l-pretensjonijiet tal-intimat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

Semghet x-xhieda tar-rikorrent **Victor Bugeja** moghtija fis 7 ta' April 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija Statement tax-xogholijiet illi taghhom qed jippretendi hlas permezz tal-azzjoni presenti, u esebit a fol 29, kif ukoll skeda tal-kontijiet kollha tar-rikorrenti u l-pagamenti kollha tas-socjeta intimata in konnessjoni mal-varji bicciet ta' xoghol illi saru bejniethom, u esebita a fol 31.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Micallef**, Managing Director u rappresentant tas-socjeta intimata u prodott mir-rikorrent, moghtija fl-4 ta' Lulju 2016.

Rat illi r-rikorrent, fl-4 ta' Lulju 2016, iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jiressaq fuq it-talba tieghu filwaqt illi rriserva li jtella provi ohra dwar il-kontro talba wara li tlesti l-provi taghha s-socjeta intimata.

Rat l-affidavit ta' **Mark Micallef**, rappresentant tas-socjeta intimata, ippresentat fl-1 ta' Novembru 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni relatati max-xoghol gewwa d-dar ta' San Pawl Tat-Targa kif ukoll ix-xogholijiet ghall-Algerija li s-socjeta intimata qiegdha tibbaza il-kontro taghha fuqha.

Semghet ix-xhieda ta' **David Camilleri**, draftsman u surveyor, prodott mis-socjeta intimata u moghtija fit 2 ta' Frar 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **l-Ingineer Alfred Camilleri**, rappresentant tad-ditta Inspectra Limited, prodott mis-socjeta intimata u moghtija fit 2 ta' Frar 2017.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' l-Ingineer Alfred Camilleri, moghtija fis-27 ta' Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Victor Bugeja** in konnessjoni mal-kontro talba moghtija fis 26 ta' Gunju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Ivan Cini**, propretarju tal-fond gewwa San Pawl Tat-Targa illi ghalihom kien qed jintalab il-hlas mir-rikorrenti lis-socjeta intimata, liema xhud kien prodott mir-rikorreni u kienet moghtija fis 26 ta' Gunju 2017.

Semghet il-kontro ezami ta' Victor Bugeja illi saret fil 15 ta' Marzu 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Ivan Cini, moghtija fil 15 ta' Marzu 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija kuntratt ta' xoghol mas-socjeta intimata u korrispondenza.

Rat illi fis 16 ta' April 2018 il-Qorti ordnat l-istadju tal-gbir ta' provi bhala maghluq u awtorizzat lill-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet finali bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fit 2 ta' Mejju 2018.

Rat is-sottomissjonijiet tas-socjeta intimata ppresentati fil 21 ta' Mejjju 2018.

Rat illi fil 21 ta' Mejju 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti ghandu negozju ta' mastrudaxxja filwaqt illi s-socjeta intimata hija socjeta illi tiehu l-appalti ta' xoghol fi djar u hwienet u tqabbad lill-terzi sabiex jaghlu diversi xogolijiet in konnessjoni ma' tali appalti.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet qabbdet lir-rikorrenti ghal varji xogholijiet bhala mastrudaxxa w il-partijiet kellhom relazzjoni tajba bejniethom.

Jirrizulta, madanakollu, illi mument minnhom is-socjeta intimata qabbdet lir-rikorrent jaghmel ghamara ghal 'restaurant' illi kellu jsir gewwa l-Algerija, u ghalhekk l-ghamara saret mir-rikorrenti, jidher illi kien hemm problema bejn il-partijiet fejn jirrigwarda l-installar tal-ghamara, liema problemi wasslu sabiex jitterminaw ir-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom w ir-rikorrent jintavola l-procedua odjerna ghall-hlas ta' bilanc ta' bicca xoghol illi inghata mis-socjeta intimata gewwa dar f'San Pawl tat-Targa.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent, fit-talba tieghu, qieghed jitlob ghall-hlas xoghol illi sar abbazi ta' ftehim datat 11 ta' April 2013 fejn tqabbad bhala 'sotto kuntrattur' tas-socjeta intimata bhiex jaghmel '*xoghol ta' manifattura u t'wahhil ta amara u biebien maghruf bhala ix-XOGHOL, f'San Pawl Tat Targa*" (fol 2)

Jirrizulta illi, skond statement esebit mill-istess rikorrent a fol 29 tal-process u datat 27 ta' Settembru 2013, mix-xoghol komplessiva ta' €51,023 illi ghamel ir-rikorrent, kien ghad fadal bilanc ta' €7,783.1 li kien jinkludi l-VAT. (fol 30)

Jirrizulta illi, ghalkemm hemm diskrepanza fl-ammont fuq indikat u dak mitlub fir-rikors promotur, jidher illi fi statement esebit mill-istess rikorrent illi juri x-xogholijiet kollha illi kienu saru mir-rikorrent lis-socjeta intimata, anke mhux dawk konnessi mad-dar fuq imsemmija, li l-bilanc kalkulat mir-rikorrenti kien fl-ammont ta' €7,797.4, ossija l-ammont indikat fir-rikors promotur.

Jirrizulta, madanakollu, illi ghal dak illi jirrigwarda s-servizz rez mir-rikorrent lis-socjeta intimata in konessjoni mal-kuntratt datat 11 ta' April 2013 u li kien il-bazi tar-rikors promotur, is-somma dovuta hija ta' €7,783.1 u mhux €7,797.4.

Jirrizulta illi l-propretarju tad-dar gewwa San Pawl tat-Targa, fix-xhieda tieghu moghtija quddiem dina l-Qorti fis 26 ta' Gunju 2017 stqarr illi kien kuntent bix-xoghol kollu illi kien ghamel ir-rikorrent, tant illi sussegwentement qabbdu jaghmel xi xogholijiet ohra. L-istess xhud stqarr ukoll illi d-dewmien fix-xogholijiet fid-dar tieghu ma kienux konnessi mar-rikorrenti, izda kienu relatati ma affarjiet ohra, tant illi l-istess xhud ikkonferma illi ghax-xogholijiet kollha illi kien ghamel ir-rikorrenti fid-dar tieghu, huwa kien hallas lis-socjeta intimata, liema socjeta huwa kien qabbad sabiex jaghmel ix-xogholijiet kollha fir-residenza tieghu.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi s-socjeta intimta tikkontendi illi l-bilanc dovut relatati max-xoghol gewwa San Pawl tat-Targa kellu attwalment ikun ta' €7,129.57 peress illi s-socjeta intimta tikkontendi illi l-iskont ta' ghaxra fil-mija (10%) mifthiem ma inghatax fuq l-'extras' illi saru mir-rikorrenti.

Jirrizulta wkoll illi f'dokument esebit mis-socjeta intimata illi juri x-xogholijiet kollha maghmulha mir-rikorrenti fuq struzzjonjiet tas-socjeta intimata ghal varji appalti illi kellha, a fol 11-12 tal-process, jidher illi dana il-bilanc huwa accettat izda hemm indikat ukoll is-segwenti:

> *"Note: A sum of money has to be deducted from the Algerian contact that you delivered in parts and not assembled in whole as contracted."*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta intimata, kif kellha kull dritt illi taghmel, intavolat kontro talba kontra r-rikorrent, fejn talbitu sabiex ihallas ghal servizzi resi lilu personalment ghad-dar personali tieghu, li kienu jammontaw ghal €1,268.50 kif ukoll sabiex ihallas is-somma ta' €5,611.37 u €1,470 rispettivament in konnessjoni ma' danni sofferti kif ukoll spejjez addizzjonali ta' haddiema fuq progett illi s-socjeta intimata kellha gewwa l-Algiers.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-kont relatat ma' xogholijiet privati illi ghamlet is-socjeta intimata lir-rikorrent kien datat 21 ta' Jannar 2015, vide fol 56, liema xogholijiet kienu principalment disinji u pjanti maghmulha mis-socjeta intimata lir-rikorrenti ghad-dar privata tar-rikorrenti gewwa in-Naxxar.

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa qatt ma rcieva dana il-kont u qatt ma ircieva ebda drawings tant illi eventwalment uza persuna ohra sabiex jaghmillu d-disinji tad-dar tieghu. L-istess rikorrenti jikkontendi wkoll illi huwa sar jaf b'dana il-kont biss wara illi beda l-proceduri odjerni f'Ottubru 2015.

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta intimata flimkien mad-difiza taghha, illi fl-istatement minnha esebita li turi kemm kellha thallas lir-rikorrenti, filwaqt illi ssir indikazzjoni ghal fatt illi mill-ammont dovut kellu jitnaqqas ammont li kellu jigi likwidat in konnessjoni ma problemi fuq il-kuntratt tal-Algerija, ma saret ebda indikazzjoni ghal kont tas-servizzi personali resi mis-socjeta intimata.

Ghaldaqstant, hija verosimili li l-verzjoni tal-fatti mressqa mir-rikorrent dwar tali servizz hija ferm aktar kredibbli minn dik tas-socjeta intimata, fis-sens illi tali kont kien biss mahrug rizultat tal-kawza odjerna u ma kienx jirrifletti xoghol illi sar mis-socjeta intimata, liema xogholijiet attwalment ma kienux saru.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi talba ohra tas-socjeta intimata tirrigwarda xoghol illi tqabbad jaghmel ir-rikorrenti fuq appalt illi s-socjeta intimata kellha gewwa l-Algerija.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, ghalkemm ghal kuntratt ta' xogholijiet ta' ftit aktar minn €50,000 gewwa dar sar ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, ghal kuntratt ta' xogholijiet ta' madwar €90,000, ma sar ebda ftehim bil-mitkub bejn il-partijiet.

Il-Qorti tosserva illi s-socjeta intimata, tramite il-Managing Director Mark Micallef, tikkontendi "*illi s-sur Bugeja kien obbligat b'kuntratt ma' Proinvest Limited biex jaghmel xoghol relatat ma' manifatturar ta' ghamara ta' ristorant ghal Algiers, Algeria u xoghol ta' supervizjoni tal-istess armar tal-ghamara manifatturata minnu stess*" (fol 50) – madanakollu, tul il-process kollu quddiem il-Qorti, ma gie ippresentat ebda ftehim f'dana is-sens mis-socjeta intimata.

Mill-banda l-ohra, ir-rikorrenti, fix-xhieda tieghu dwar dana il-punt, jghid is-segwenti: (fol 134F)

> *Il-ftehim kien li ha naghmel ix-xoghol, inlesti u jintbaghat. Ix-xoghol jintrama minn l-Algerini stess jew mill-haddiema taghhom stess, u jiena forsi nitla' nissupervizja. Issa jiena ridt nitla'. Jiena ridt nara ix-xoghol li sar tieghi ridt nitla' jiena; I mean its only fair li naghmel bicca xoghol u taraha lesta. Imma is-Sur Micallef ma riedx ihallas la l-ispejjez, la s-servizzi tieghi, u ma ried jaghmel xejn. Ghedtlu l-kuntratt ma huwiex imnizzel, imnizzel biss b' kollox anke packing list, il-packing li nippakkja x-xoghol hemm prezz tieghu u dan, imma li jien nitla' l-Algerija m' hemmx.*

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent lesta l-materjal u l-merkanzija illi kellha tintbghat l-Algerija, tant illi dina tghabbiet u intbghatet l-Algerija, kif ikkonfermat minn l-Ingineer Alfred Camilleri imqabbad mis-socjeta intimata sabiex taccerta ruhha illi kull ma kien ordnat intbghat.

Jirrizulta, izda, skond ix-xhieda ta' David Camilleri, illi kien resposabbli mill-progett gewwa l-Algerija, illi hekk kif waslet il-merkanzija, kien hemm l-ghamara sfuza u kellha tigi armata mill-mastrudaxxi fuq il-post.

Jirrizulta, madanakollu, fix-xhieda ta' l-istess Camilleri, illi huwa stqarr li qabel ma telghu l-Algerija l-mastrudaxxi minn Malta, huma ltaqghu mar-rikorrent sabiex jaraw ix-xoghol illi kellu jsir ta' armar gewwa r-restaurant f'Algiers, l-Algerija.

Jirrizulta, finalment, illi ghalkemm x-xhud l-Ingineer Alfred Camilleri jikkontendi illi l-bibien u l-affarjiet l-ohra kellhom jintbghatu shah, huwa ma kienx a korrent tal-ftehim illi sar bejn il-partijiet u dik hija biss supposizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, ghal darba ohra, ma tistax ma tosservax illi ma inghatat ebda tip ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet.

Ghalkemm kemm ir-rikorrenti kif ukoll is-socjeta intimata titkellem dwar 'kuntratt', tali kuntratt qatt ma gie ppresentat quddiem dina l-Qorti, u ghalhekk ikollha tistrieh fuq il-provi u dokumentazzjoni lilha mressqa.

Jirrizulta illi r-rikorrenti ipproduca il-merkanzija kollha mitluba mis-socjeta rikorrenti, liema merkanzija kienet approvata mis-surveyor Alfred Camilleri, li gharraf li kellu packing list fil-pussess tieghu li huwa vverifika, liema packing list, madanakollu, qatt ma giet esebita quddiem dina l-Qorti ghalkemm kienet obbligat illi taghmel hekk is-socjeta intimata.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi ghajr ghal numru interminabbli ta' pjanti u drawings ppresentati mill-partijiet, ebda ftehim bil-miktub u lanqas emails dwar xi ftehim ma gie esebit.

Jirrizulta illi l-unika email esebita mis-socjeta intimata kienet email minn certu Kurt lill Mark Micallef datata 4 ta' Awissu 2014 illi tghid is-segwenti: (fol 91)

> *"As i promiss you i am sending you this e-mail regarding the missing work/thin in Algiers carpentry works. Pls keep this e-mail between me & you"*

L-istess email, wara illi telenka lista ta' problemi u nuqqasijiet illi jghid li kien hemm, tghid is-segwenti:

> *"Markus i wrote you all items but i don't know the agreement between you & Victor, so you need to check all the points that i am writing you"*

Jirrizulta, madanakollu, illi ebda tip ta' indikazzjoni ta' x'kien attwalment il-ftehim ghajr ghal manifattura tal-ghamara ma giet ippruvata u, kif jikkontendi ir-rikorrent stess, seta kien hemm ftehim li r-rikorrent jitla sabiex jaccerta ruhu illi l-installazzjoni ssir kif suppost, izda r-rikorrent kellu jithallas ta' dan, liema hlas is-socjeta intimata jidher illi ma riedetx taghmel u ghalhekk ir-rikorrent ma telax.

Ghalhekk, mill-provi kollha prodotti, jirrizulta illi r-rikorrent ipprovda ix-xoghol minnu indikat, filwaqt illi s-socjeta intimata naqqset milli turi x'kien attwalment il-ftehim milhuq bejnha u bejn ir-rikorrent, kienu attwalment l-affarjiet neqsin u, aktar u aktar, kif wasslet ghall-kalkoli taghha ta'

danni u, wisq aktar, ta' ikel u akkomodazzjoni ghal zewgt mastrudaxxi, li ghalihom ma tressqet ebda tip ta' prova assoluta.

Ghalhekk, is-socjeta intimata ma ppruvatx il-kaz taghha.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-xhieda kollha prodotta quddiemha w id-dokumentazzjoni kollha minnhom imressqa,

Wara ill rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Ghal dak illi ghandu x'jaqsam mat-talba originali tar-rikorrenti

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** t-talba tar-rikorrenti limitatament kif gej u dan billi tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' €7,783.10 rappresentanti l-bilanc ta' xogholijiet illi saru gewwa dar f'San Pawl Tat-Targa fuq struzzjonjiet tas-socjeta intimata u kif ahjar deskritti fl-invoice datata 25 ta' Dicembru 2013 a fol 30 tal-process,

U

Ghal dak illi ghandu x'jaqsam mat-talba rikonvenzjonali tas-socjeta intimata

**Tichad** l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti filwaqt illi

**Tilqa** il-kumplament tal-eccezzjonijiet tar-rikorrenti, u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mid-data tar-rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-Artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta ikunu a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur